# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 15 ta' Lulju 2024

**Rik. Gur.Nru.: 153/2024 JPG**

**Kawza nru.: 20**

**NZ**
**Vs**
**AM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 22 ta' Marzu 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16.06.2007 gewwa l-Knisja Parrokjali ta' Birzebbugia, kopja ta' liema certifikat taz-zwieg qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi, sussegwentement l-partijiet immedjaw is-separazzjoni personali taghhom u permezz tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tad-09.02.2023 bin-numru 3809/2023AL huma gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ippubblikat nhar is-27.02.2023, kopja ta' liema digriet u kuntratt qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'B' u 'C';*

3. *Illi, miz-zwieg premess twieled tifel wiehed bl-isem ta' JM f'X u ghalhekk illum ghandu X il-sena;*

4. *Illi, il-partijiet iddekadew mill-obbligu ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin u il-manteniment ghat-tifel gie iffissat fl-ammont ta' mitejn Ewro (200) fix-xahar eskluz spejjez ta' sahha u edukazzjoni.*

5. *Illi, m'hemmx arretrati ta' manteniment pendenti dovuti;*

6. *Illi, ma jidhirx li l-intimat ser jopponi ghat-talba tar-rikorrenti ghal-hall taz-zwieg;*

7. *Illi, l-esponenti qeghda tipprezenta kopja tal-affidavit taghha li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok 'NVM';*

8. *Illi, dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Art. 66, Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, umilment titlob l-esponenti, in vista ta' dak kollu hawn supremess u l-provi prodotti flimkien ma' dan ir-rikors, sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgboha:*

1. *Tordna li l-atti tal-medjazzjoni bin-numru 3809/2023AL jigu allegati flimkien mal-process ta' dawn il-proceduri;*

2. *Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u konsegwentement;*

3. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fi zmien imholli mill-istess Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi hemm registrat skond il-ligi.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi nhar l-24 ta’ Gunju 2024 l-intimat deher quddiem din il-Qorti minghajr assistenza legali u wara li l-Qorti spjegatlu d-drittijiet legali tieghu, huwa ddikjara li ma jehtiegx assistenza legali u mhux qed jopponi ghad-divorzju; vide fol 26

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x’jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x’jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 26)

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 21**) illi il-partijiet izzewgu nhar is-16 ta’ Gunju 2007 u minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni. Iddikjarat illi l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 27 ta’ Frar 2023 fl-atti tan-Nutar Dr James Grech. Di piu’, ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta’ manteniment.

**L-intimat xehed nhar l-24 ta’ Gunju 2024 u** kkonferma u kkorrobora ix-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza.***
>
> ***(… omissis)***

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu*

> ***separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-16 ta' Gunju 2007 liema zwieg jgib certifikat numru 911/2007 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.
Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr James Grech nhar is-27 ta' Frar 2023 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.
Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.
Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba;**
2. **Tilqa' it-tieni u t-tielet talbet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 911/2007 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**